# IT-TIENI SEZZJONI — APPELLI KRIMINALI

**14 ta' Jannar, 1961**
**Imħallef:—**
**Onor. Dr. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Il-Pulizija
*versus*
Emanuel Pace

**Sewqan bla Liċenza — Traffiku — "Third Party Risks" — "Special Reasons" — Appell — Art. 425 (1) (b) (iii) tal-Kodiċi Kriminali — Art. 3(1) (2) tal-Kap. 165.**

*Skond il-liġi, min isuq vettura tal-mutur mingħajr kopertura ta' sigurtà jew garanzija għar-riskji ta' terzi persuni, għandu jkun skwalifikat milli jieħu jew ikollu ebda liċenza tas-sewqan għal żmien sena; bil-fakoltà tal-Qorti illi għal raġunijiet speċjali tordna xort'oħra, u mingħajr preġudizzju li tordna żmien itwal għall-iskwalifika.*

*Din il-fakoltà tal-Qorti tikkostitwixxi eċċezzjoni għar-regola ġenerali tal-applikazzjoni tal-iskwalifika, u hija biss ġustifikata meta jikkonkorru fil-fattispeċje tal-każ raġunijiet speċjali; u huwa mistenni li jkun jirriżulta mir-raġunament tal-Qorti stess fis-sentenza l-motiv ta' nuqqas ta' applikazzjoni ta' piena li l-liġi timponi bħala regola ġenerali.*

*Għaldaqstant, jekk il-Qorti ssib l-imputat ħati u tikkundannah mingħajr ma tapplika kontra tiegħu din l-iskwalifika, u ma jkun hemm xejn fis-sentenza li juri għaliex l-iskwalifika ma ġietx applikata, il-piena applikata hija nieqsa mill-interezza tagħha li trid il-liġi, u s-sentenza hija għalhekk appellabbli mill-Prosekuzzjoni fuq il-motiv ta' applikazzjoni ta' piena differenti fil-kwalità jew fil-kwantità minn dik preskritta mil-liġi.*

Il-Qorti:— Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta fl-ismijiet premessi, tat-2 ta' Diċembru 1960, li biha l-imsemmi Emanuel Pace ġie misjub ħati talli r-Raħal Ġdid, fit-28 ta' Novembru 1960, waqt li kien skwalifikat milli ikol-

lu liċenza tas-sewqan tal-vetturi bil-mutur b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta tat-23 ta' Awissu 1960, saq il-karrozza 19705, u hekk saq din il-karroza meta ma kienx kopert minn polza tas-sigurtà dwar riskji ta' terzi persuni kif trid il-liġi; u b'liema sentenza tat-2 ta' Diċembru 1960 huwa ġie kundannat għal £5 multa fuq l-ewwel imputazzjoni u £20 multa fuq it-tieni imputazzjoni;

Rat ir-rikors tal-istess Pace, li bih appella mill-imsemmija sentenza, u talab li jiġi liberat minn kull imputazzjoni u piena;

Rat ir-rikors tal-Attorney General, li bih appella mill-istess sentenza a tenur tal-art. 425(1)(b)(iii) tal-Kodiċi Kriminali, u talab il-konferma tagħha fejn l-imputat ġie misjub ħati, u r-riforma fejn ġie kundannat, u bil-li l-piena mitt tiġi mibdula skond il-liġi;

Trattati ż-żewġ appelli;

Ikkunsidrat;

Fuq l-appell tal-imsemmi Pace, irriżulta mid-depożizzjoni tal-Ispettur Gregorio Scicluna u ta' Anthony Rizzo illi fit-28 ta' Novembru 1960, l-appellant saq il-karrozza 19705 ir-Raħal il-Ġdid, fi triq publika. Irriżulta wkoll illi dak in-nhar l-appellant kien skwalifikat milli jkollu liċenza tas-sewqan skond sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta tat-23 ta' Awissu 1960. Hekk l-imputat kien isuq mingħajr ma kien kopert b'polza tas-sigurtà jew garanzija dwar ir-riskji ta' terzi persuni, in kwantu kondizzjoni għall-garanzija, skond il-polza eżibita, hija li min isuq dik il-karrozza ma jkunx skwalifikat milli jkollu liċenza tas-sewqan;

L-appellant hekk kiser l-art. 19 tal-Kap. 105, li jikkontempla l-ipotesi ta' min isuq motor car meta jkun skwalifikat milli jkollu liċenza tas-sewqan, u anki l-art. 3(1) tal-Kap. 165, li jipprojbixxi s-sewqan ta' motor-cars mingħajr polza tas-sigurtà jew garanzija dwar ir-riskji tat-terzi;

Fuq l-appell tal-Prosekuzzjoni, dan huwa motivat fuq l-art. 425(1)(b)(iii) tal-Proċedura Kriminali, fejn hu mogħ-

ti l-appell lill-Prosekuzzjoni meta l-piena nflitta mill-Ewwel Qorti tkun, fil-kwalità jew kwantità, differenti minn dik preskritta mil-liġi għar-reat li fuqu l-kundannat ikun ġie misjub ħati;

F'dan il-każ, l-art. 3(1)(2) tal-Kap. 165, li taħtu l-imsemmi Pace ġie misjub ħati, jippreskrivi għal min ikun ġie misjub ħati ta' ksur tal-istess artikolu 3 l-piena tal-iskwalifika milli jkollu jew iġġi lilu mogħtija liċenza tas-sewqan għal żmien tnax il-xahar mid-data li fiha jkun ġie misjub ħati. Il-Qorti, però, għandha l-fakolta illi "għal raġunijiet speċjali tordna xort'oħra, u mingħajr preġudizzju li tordna żmien itwal ta' skwalifika";

Din il-fakoltà tal-Qorti tikkostitwixxi eċċezzjoni għar-regola ġenerali tal-applikazzjoni tal-iskwalifika; u hija biss ġustifikata meta jikkonkorru fil-fattispeċje tal-każ raġunijiet speċjali;

F'dan il-każ ebda motivazzjoni ma hemm fis-sentenza li minnha jista' jidher illi l-piena tal-iskwalifika ma ġietx applikata għal raġunijiet speċjali. Huwa mistenni li jkun jirriżulta mir-raġunijiet stess tal-Qorti fis-sentenza l-motiv tan-nuqqas ta' applikazzjoni ta' piena li l-liġi timponi bħala regola ġenerali. Dan ma jidhirx fis-sentenza, fejn hemm anzi dikjarat illi l-Qorti "ssib lill-imputat ħati fit-termini tal-akkuża";

B'dan il-mod, dan hu każ fejn il-piena applikata mill-Ewwel Qorti hija mankanti, in kwantu nieqsa mill-interezza tagħha li trid il-liġi; u hekk l-istess sentenza hija appellabbli mill-Prosekuzzjoni. u f'dan ir-rigward l-appell hu fondat;

Għal dawn il-motivi;

Tiċħad l-appell tal-imsemmi Emanuel Pace;

Tilqa' l-appell tal-Attorney General. billi tikkonferma s-sentenza appellata fejn l-istess Pace ġie misjub ħati taħt

l-art. 19 tal-Kap. 105 u 3(1) tal-Kap. 165, u ġie kundannat għall-multi ta' £5 u ta' £20;

U tiskwalifika lill-imsemmi Emanuel Pace milli jkollu jew jottjeni liċenza tas-sewqan għal żmien tnax il-xahar mil-lum fit termini tal-art. 3(1) (2) tal-Kap. 165.